**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 22 ta' Mejju 2024**

**Kawża Numru: 4049/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**(Spettur James Mallia)**

**kontra**

**Oliver Bonello**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Oliver Bonello** ta' disgħa u tletin (39) sena, iben Carmel u Nicolina nee' Farrugia, imwieled il-Pieta' nhar is-sitta (6) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u tlieta u tmenin (1983), residenti ġewwa l-fond numru ħames mija u tnejn u ħamsin (552), Flat numru ħamsa (5), Triq Monsinjur Mikiel Azzopardi, is-Siggiewi u detentur tal-Karta tal-Identità' Maltija bin-numru 85884M;

Nakkużawk talli bejn l-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) u s-sbatax (17) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) ġewwa l-Għassa tal-Pulizija, Triq il-Parroċċa, Żebbuġ u postijiet oħra ġewwa il-Gżejjer Maltin;

1) Nqast milli tħares xi waħda w/jew aktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqek mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. C. Farrugia

Frendo LL.D. fid-digriet mogħti nhar l-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), u li permezz tiegħu l-istess Oliver Bonello ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet u dan bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) Talli nġurjajt jew heddit, jew għamilt offiża fuq il-persuna ta' PC254 Mark Anthony Cutajar, persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżża' jew li jinfluwixxi fuqhu kontra l-liġi waqt l-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' l-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Nakkuzawh ukoll talli fix-xahar ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) ġewwa s-Siġġiewi u/jew postijiet oħra ġewwa l-gżejjer Maltin:

3) Għamel lil Nicholas Farrugia inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4) Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jagħmel xi reat; jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, hedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna u cioe' lil Nicholas Farrugia jew xi persuna oħra jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih u dan bi ksur ta' l-Artikolu 49(a)(b)(ċ) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta;

5) Aktar talli fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkustanzi, ikkommetta reat volontarju waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. Gabriella Vella LL.D nhar it-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u ikkommetta reat li għalih hemm piena ta' priġunerija u dan bi ksur tal-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6) U finalment talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi rrendejt ruħek riċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr. Nadine Lia LL.D nhar is-sittax (16) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Oliver Bonello a benefiċċju tal-Kuntistabbli 254 Mark Anthony Cutajar, kif ukoll Nicholas Farrugia u dan ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuni tal-Kuntistabbli 254 Mark Anthony Cutajar, kif ukoll Nicholas Farrugia jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Oliver Bonello billi tapplika l-Artikolu 382A et seq tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil Oliver Bonello b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu, taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Semgħet ix-xhieda;

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti eżebiti;

Rat illi fl-udjenza ta' nhar it-tmintax (18) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu;

Semgħet is-sottomissjonijiet finali mill-partijiet;

**Ikkunsidrat**

Illi fil-każ odjern, il-**<u>prosekuzzjoni</u>** ressqet is-segwenti xhieda, in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat:-

1. **L-Ispettur Colin Sheldon**[1] xehed illi nhar is-sbatax (17) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), huwa kien gie nfurmat mill-Ispettur James Mallia mill-Għassa tal-Pulizija ta' Ħaż-Żebbuġ, li huwa kien ser ikellem lill-imputat Oliver Bonello u dan għaliex huwa ma kienx qiegħed josserva l-obbligu tal-iffirmar impost fuqu minn din il-Qorti diversament preseduta. L-Ispettur Sheldon jispjega li huwa kien ressaq lill-imputat il-Qorti fuq każ ieħor u fl-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) huwa kien ingħata l-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom illi jiffirma tliet darbiet fil-ġimgħa, kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u s-Sibt. Huwa spjega li bejn l-erbatax (14) ta' Frar u s-sbatax (17) ta' Ġunju tas-sena elfejn

[1] A fol. 59 tal-atti proċesswali

u tlieta u għoxrin (2023), l-imputat kien iffirma tliet darbiet biss. L-Ispettur Sheldon prezenta ukoll kopja awtentikata tad-Digriet u Kundizzjonijiet għall-Ħelsien mill-Arrest[2] li kienu ngħataw minn din il-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo nhar l-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023). Huwa jghid li dik il-kawza qegħda tinstema' minn din il-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr. Nadine Lia u preżenta ukoll kopja awtentikata tal-imputazzjonijiet f'dik il-kawza.

2. **L-Ispettur James Mallia**[3] xehed illi fis-sbatax (17) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) huwa kien bagħat għall-imputat Oliver Bonello sabiex imur l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħaż-Żebbug sabiex ikun jista' jkellmu, u dan għaliex mill-*bail book* tal-imputat kien rriżultalu li minn ħmistax-il darba li l-imputat kellu jiffirma, huwa ma kienx mar jiffirma tnax-il darba u ffirma darbtejn tard. Huwa spjega li l-Pulizija għandhom sistema li meta imputat ma jmurx jiffirma, jiġu nfurmati l-Ispetturi u għalhekk fil-każ odjern, kemm hu, kif ukoll f'dan il-każ l-Ispettur Sheldon ġew infurmati permezz ta' messaġġ.

   L-Ispettur Mallia jispjega li l-imputat għalhekk kien mar l-Għassa tal-Pulizija sabiex jiġi mitkellem minnu. Jgħid li nel frattemp, huwa kien ġie nfurmat li kienet daħlet persuna oħra l-Għassa tal-Pulizija sabiex tagħmel rapport u dan minħabba allegati insulti u theddid fil-konfront tagħha mill-imputat Oliver Bonello. L-Ispettur Mallia jgħid ukoll illi waqt li kien qieghed ikellem lill-imputat huwa nnota li *"lsienu qisu qed jehillu"* iżda l-imputat kien innega li kien ikkonsma xi *alcohol*. Huwa jispjega li mill-gallerija tal-Uffiċju tiegħu huwa kien ra lill-imputat jipparkja l-karozza x'ħin wasal l-Għassa tal-Pulizija u għalhekk kien infurmah li kien ser jagħmel *breathalyser test* u tah id-dritt li jkellem avukat. Igħid li l-imputat kien infurmah li huwa xtaq ikellem avukat, iżda t-telefon ċellulari tiegħu kien mingħajr *charge*. Spjega li l-imputat ma setgħax iċempel mit-telefon tal-Għassa tal-Pulizija u dan għaliex it-telefonati jkunu rekordjati. Għalhekk l-Ispettur kien ta struzzjonijiet lil PC 254 sabiex imur flimkien mal-imputat sabiex igib ic-*charger* tat-telefon ċellulari tiegħu mill-karozza. Huwa jgħid li sussegwentement l-imputat għamel ħafna allegazzjonijiet fil-konfront tal-istess Kuntistabbli, liema allegazzjonijiet kien

[2] A fol. 62 tal-atti proċesswali
[3] A fol. 73 tal-atti proċesswali

ser jixhed dwarhom l-istess Kuntistabbli. L-Ispettur Mallia jispjega ukoll li wara li kien iċċarġja t-telefon ċellulari tiegħu, l-imputat kien tkellem mal-avukat tiegħu u sussegwentement għalhekk kien sar l-*breathylser test* iżda dan kien immarka fin-negattiv u kienet ingħatat kopja tal-irċevuta ta' dan ir-riżultat lill-imputat.

L-Ispettur Mallia jgħid li huwa wera lill-imputat, il-messaġġi li kien irċeva, li kienu juru li l-imputat ma kienx qiegħed imur jiffirma skond il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti u urieh ukoll ir-ritratti ta' dak li huwa kien allegatament kiteb fuq *facebook* u beda jaqralu x'kien hemm miktub. Jispjega li kien urieh ukoll filmat fejn allegatament l-imputat jidher ipoġġi injama fuq *bonnet* ta' karozza tal-persuna li għamlet ir-rapport fil-konfront tiegħu.

Ix-xhud ikompli jispjega li l-imputat kien xtaqt ipejjep sigarett u huwa kien bagħat lill-kuntistabbli iġiblu l-pakkett tas-sigaretti mill-karozza tiegħu u dan waqt li kellu l-*bodycam* mixgħula. Igħid ukoll li waqt li hu, s-Surġent u l-kuntistabbli kellhom l-*bodycam* mixgħula l-imputat beda jagħmel diversi allegazzjonijiet fil-konfront tal-Kuntistabbli fosthom li huwa jaf fejn kien joqgħod l-Kuntistabbli u li hu kien jieħu l-karozza tas-servizz u jmur jorqod id-dar waqt il-ħin tax-xogħol. L-imputat kien allega ukoll li l-Kuntistabbli kien seraqlu s-sigaretti meta kien mar iġibomlhu mill-karozza.

L-Ispettur spjega li kienet ittieħdet stqarrija lill-imputat u fil-bidu l-imputat kien irrifjuta li jiffirma din l-istqarrija. L-Ispettur kien spjegalu li kien dritt tiegħu li jagħżel jekk jiffirmax l-istqarrija jew le, pero kien qallu sabiex jaqra l-istqarrija. Ighid li l-imputat imbaghad kien qara l-istqarrija u kien iffirma biss fuq l-ewwel paġna. L-Ispettur Mallia kkonferma li d-dokument immarkat bħala 'Dok CS 8' inserit *a fol* 52 tal-atti proċesswali huwa l-istqarrija li huwa kien ħa lill-imputat fil-preżenza tas-Surgent 2329 u l-Kuntistabbli 254. Ikkonferma ukoll li lill-imputat kien qralu l-ittra bid-drittijiet tiegħu, li l-imputat kien tkellem mal-avukat tal-għażla tiegħu, u li kien tah kopja tal-istqarrija. Huwa kkonferma ukoll il-firem fuq l-istess stqarrija.

L-Ispettur Mallia jagħmel referenza ukoll għad-Digriet u l-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest tal-imputat datati erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u

tlieta u għoxrin (2023), li kienu annessi mal-*bail book*, fejn kundizzjoni numru ħamsa (5) fl-istess Digriet tgħid li l-imputat kellu jirraporta l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħaż-Żebbuġ kull nhar ta' Tnejn, kull nhar ta' Erbgħa u kull nhar ta' Sibt. Ix-xhud jikkonferma ukoll id-dokumenti l-oħra preżentati minnu, li jikkonsistu fin-nota li kien għamel lill-Maġistrat tal-għassa li l-imputat kien ser jinżamm arrestat għal iktar minn sitt siegħat, ir-rikors għall-ftuħ b'urġenza tal-Qorti, ir-rapport tal-Pulizija, kif ukoll l-*inspection* reports u l-messaġġi li juru li l-imputat ma kienx qiegħed jiffirma. L-Ispettur Mallia preżenta ukoll il-*bail book*[4] tal-imputat.

L-Ispettur Mallia ddepona ukoll fl-udjenza ta' nhar it-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) u preżenta tlett CD's li ġew immarkati bħala 'Dok JM1', 'Dok JM2' u 'Dok JM3'[5], liema CD's jikkontjenu l-*bodycam footages* tal-Ispettur Mallia stess, ta' PC 818, ta' PC 1057, PC 254, PC 2447 u PS 2329. L-Ispettur Mallia jispjega li l-filmati jibdew minn ftit wara li l-imputat daħal l-Għassa tal-Pulizija u jkomplu anke waqt li ttieħdet l-istqarrija lill-imputat. Igħid li l-filmati tal-*bodycam* tiegħu u ta' żewġ Pulizija oħra waqfu hemmhekk għax kienu lesti, iżda hemm xi filmati oħra ta' *bodycams* oħra għaliex l-imputat wara ttieħed il-*Health Centre* u wara l-*lock up*. In <u>kontro-eżami</u>, ix-xhud jispjega li l-*bodycams* kienu nxtelgħu wara li l-imputat kien għamel diversi alleggazzjonijiet fil-konfront tal-Kuntisabbli.

L-Ispettur James Mallia reġa' ddepona nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), u preżenta kopja awtentikata ta' sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Oliver Bonello** datata sittax (16) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020) li ġiet immarkata bħala 'Dok JJ1'[6]. Huwa preżenta ukoll kopja awtentikata ta' sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Oliver Bonello** datata tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) li ġiet immarkata bħala 'Dok JJ2'[7].

3. **Nicholas Farrugia**[8] xehed illi fis-sbatax (17) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), huwa kien qiegħed jara l-*facebook* u ra li l-imputat kien

[4] A fol. 83 tal-atti proċesswali
[5] A fol. 118 et seq. tal-atti proċesswali
[6] A fol. 129 tal-atti proċesswali
[7] A fol. 148 tal-atti proċesswali
[8] A fol. 84 tal-atti proċesswali

kiteb diversi messaġġi ndirizzati lejh u għalhekk kien mar jagħmel rapport l-Għassa tal-Pulizija. Igħid li hu għandu l-barriera fejn iżarma l-għodda mikrija mingħand missier l-imputat. Ix-xhud jispjega li lill-imputat ilu jafu xi sbatax-il sena. Huwa jgħid li huma kienu qishom kollegi u kienu jiltaqgħu kuljum il-barriera. Igħid ukoll li lill-imputat jafu bħala ħabib u għandu rispett lejh. Huwa jagħmel referenza għall-*posts* li ra fuq *faceboook* u jgħid li ħafna kliem ma kienx spejgat sewwa. Igħid li fil-*posts* ssir referenza għal *Moments* li hija d-dar fejn joqgħod ix-xhud. Jagħmel ukoll referenza għall-*post* fejn jingħad "*Mingħalik li nħobbok indewqek naqra minn tas-Silġ"* li x-xhud igħid li jfisser minn tas-Siġġiewi. Igħid li huwa kien ikkonferma li l-imputat kien qiegħed jirreferi għalih meta kiteb *"is-Sus lilek qed ngħid Nicholas Ganaja ta."* Ix-xhud igħid li hu kien prova jgħinu ħafna lill-imputat u kienu jitkellmu ħafna. Igħid li meta ra dawn il-messaġġi kien prefera jmur jagħmel rapport. Igħid li hu lill-imputat qatt ma għamillu ħsara, anzi prova jgħinu ħafna.

Meta mistoqsi sabiex jgħid kif ħassu meta ra l-messaġġi, ix-xhud igħid li ħassu sorpriż għax għalih l-imputat kien ħabib. Ix-xhud preżenta ukoll dokument ta' ħames faċċati li jikkonsistu fi *screenshots* li huwa ħa minn fuq il-*facebook account* tiegħu li ġew immarkati bħala 'Dok NF 1 sa Dok NF 5'[9]. Ix-xhud igħid li l-aħħar messaġġi kienu ta' nhar is-sbatax (17) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) u igħid li dawn il-messaġġi kienu ilhom għaddejjin xi ġimgħa.

In kontro-eżami, Nicholas Farrugia igħid li huwa b'dawn il-messaġġi bl-ebda mod ma ħassu mhedded. Imbagħad jżid igħid illi li kieku l-imputat jasal biex jagħmel ċertu affarijiet jaħseb li jkun mhedded. Huwa jgħid li l-unika ħaġa li jixtieq huwa li jerġa' jara lill-imputat bħal ma kien għoxrin sena ilu. Igħid ukoll li m'għandu l-ebda interess li jipproċedi, iżda wara igħid li ma jafx. Nicholas Farrugia reġa' xehed in kontro-eżami[10], fid-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u stqarr li huwa qiegħed jaħfer lill-imputat. Igħid li bħalissa l-imputat qiegħed ikun xogħol il-ħin kollu u l-komportament tiegħu huwa kompletament differenti.

[9] A fol. 93 et. seq tal-atti proċesswali
[10] A fol. 237 tal-atti proċesswali

4. **PC 254 Mark Anthony Cutajar**[11] stazzjonat l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħaż-Żebbuġ, xehed illi fis-sbatax (17) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), huwa kien ingħata struzzjonijiet sabiex ikun xhud ta' stqarrija li kienet ser tiġi rilaxxata mill-imputat odjern. Huwa jispjega li l-imputat kellu bżonn ic-*charger* tat-telefon ċellulari tiegħu u hu kien niżel miegħu fejn il-karozza sabiex iġib ic-*charger*. Ix-xhud igħid li l-imputat kien qallu sabiex jersaq min-nofs u kien qallu ukoll sabiex ma jkellmux. Jgħid li dak il-ħin hu qal lill-imputat sabiex jersaq fil-ġenb sakemm ikun jista' iġib ic-*charger*. Huwa jispjega li x'ħin daħlu fl-għassa tal-Pulizija, hu kien informa lill-Ispettur li l-imputat kien beda jkellmu ħażin u li kien beda igħidlu: "Lilek min daħlek fil-Pulizija ?". Jispjega li l-imputat kien qallu ukoll li kien kiteb fuqu fuq *facebook,* u kien allega ukoll li l-Kuntistabbli kien imur id-dar bil-karozza tas-servizz waqt il-ħin tax-xogħol u li kien imur jorqod. Ix-xhud igħid li l-imputat beda jirreferi għad-dar ta' omm ix-xhud u igħid ukoll li dak il-ħin kien hemm il-*bodycam* mixgħula.

   Il-Kuntistabbli igħid li iktar tard waqt li l-imputat kien qiegħed jirilaxxa stqarrija kien dar lejh u kien qallu "inti kunjomok Vella uh ?". Igħid li l-imputat baqa' b'din l-attitudni lejh u ma jafx għal liema raġuni. Igħid li l-imputat qallu ukoll li huwa kien jaf fejn joqogħdu l-ġenituri tiegħu. Igħid li kien ġie nfurmat ukoll li aktar tard l-imputat kien allega ukoll li x-xhud kien seraqlu s-sigaretti meta x-xhud kien ġab is-sigaretti mill-vettura tal-imputat li kien talab l-imputat stess. Igħid li fil-verita' huwa kellu l-*bodycam* mixgħula u l-pakkett tas-sigaretti huwa lanqas biss kien fetħu. Ix-xhud igħid li huwa nħasad meta l-imputat għamel dawn l-allegazzjonijiet fil-konfront tiegħu.

   <u>In kontro-eżami</u>, meta x-xhud ġie mistoqsi jekk l-imputat kienx insulentah jew heddu, huwa jirrispondi billi igħid li dawn l-affarijiet mhumiex sew għax l-imputat kien semmielu lill-familja tiegħu, u ried ikun jaf x'kunjomu. Igħid ukoll li huwa lill-imputat jafu minn meta kien żgħir u jgħid li anke meta kien imur l-Għassa jiffirma huwa qatt ma ra għajn ħażina minnu. Igħid li għadu xxukjat għax ma jafx x'inhi r-raġuni għaliex l-imputat aġixxa bil-mod kif aġixxa fil-konfront tiegħu.

   PC 254 reġa' xehed <u>in kontro-eżami</u>[12] nhar id-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) fejn stqarr li lill-imputat huwa kien ilu jafu

[11] A fol. 98 tal-atti proċesswali
[12] A fol. 239 tal-atti proċesswali

ħafna u qatt ma jafu b'dik l-imġieba. Igħid li huwa ġie nfurmat li l-imputat irranġa l-komportament tiegħu pero jgħid li għandha tintalab skuża għall-kliem li ntqal fil-konfront tiegħu u l-familja tiegħu. Huwa igħid li kien lest li jaħfer pero l-importanti li ma jiġux ripetuti dawn l-affarijiet.

5. **L-Assistent Reġistratur Marika Mifsud**[13] xehdet u kkonfermat li ma kienx hemm appell mis-sentenza li ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. Gabriella Vella, fit-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), fil-konfront tal-imputat. Madanakollu tgħid li permezz tal-istess sentenza kienet ġiet imposta multa ta' tmien mitt ewro (€800) u preżentat dokument li juri li din il-multa ma tħallsitx. Hija kkonfermat ukoll li ma kienx hemm appell mis-sentenza li ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. Nadine Lia, fis-sittax (16) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020) fil-konfront tal-imputat. Hija preżentat ukoll dokument li juri li l-multa ta' elf ewro (€1000) li kienet ġiet imposta permezz tal-istess sentenza tħallset fl-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elfejn u għoxrin (2020)[14]. Hija preżentat ukoll vera kopja tad-Digriet u kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest li ngħataw fl-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) fil-konfront tal-imputat minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo u tispjega li dawk il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest għadhom *in vigore*;

Illi d-<u>difiża</u> ressqet is-segwenti provi:-

1. **Jessica Rea Bonello**[15] in rappreżentanza tal-Fondazzjoni OASI xehdet illi l-imputat beda l-programm fit-tmintax (18) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) u ddeċieda li jitlaq fl-ewwel ta' Novembru tal-istess sena. Tgħid li waqt li kien il-programm, il-komportament tal-imputat kien wieħed tajjeb ħafna, kien jikkopera ħafna u kienu jitkellmu dwar kif kien ser jaħdem il-quddiem pero imbagħad iddeċieda li jitlaq.

2. **L-Uffiċjal tal-Probation Gordon Grech**[16] xehed illi huwa kien qiegħed isegwi lill-imputat in segwitu għal sentenza li ngħatat minn din il-Qorti kif diversament preseduta, kif ukoll fuq Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni li ġiet imposta fuq l-imputat minn din il-Qorti hekk kif preseduta. Huwa jispjega li

[13] A fol. 156 tal-atti proċesswali
[14] A fol. 161 tal-atti proċesswali
[15] A fol. 235 tal-atti proċesswali
[16] A fol. 243 tal-atti proċesswali

fuq is-sentenza preċedenti huwa kien għamel denunzja għaliex l-imputat ma kien qiegħed jagħmel xejn fuq il-problema tad-droga. Igħid li wara li nfetħu l-proċeduri odjerni l-imputat kien beda l-programm tal-Fondazzjoni OASI iżda kien ħareġ. Igħid li wara li ħareġ mill-programm, l-imputat beda jagħmel xi laqgħat man-*Narcotic Anonymous* pero x-xhud igħid li huwa kien tal-fehema li l-imputat kellu bżonn xi ħaġa iktar strutturata. Jispjega li sussegwentement l-imputat kien aċċetta li jmur il-*Caritas* u illum huwa segwit mill-*careworker* tal-Caritas, is-Sur Anthony Pollacco. L-Uffiċjal tal-Probation igħid li da parti tiegħu, beda jeħodlu testijiet tal-urina kważi darba fil-ġimgħa. Igħid li fil-bidu kien jeħodlu t-testijiet mingħajr pre-avviż. Igħid li r-riżultati kienu kollha fin-negattiv, kemm għall-kokaina u kemm għall-*cannabis.* Ix-xhud igħid ukoll li r-rakomandazzjoni tiegħu hi li jitkompla l-pjan li hemm sabiex ma jiġix imxekkel il-progress li l-imputat għamel.

3. **Charlie Bonello**[17] li huwa missier l-imputat igħid li l-ibnu qiegħed igħix miegħu. Igħid li ibnu għamel progress kbir u li hu u ommu jieħdu ħafna ħsiebu. Igħid li ibnu qiegħed jattendi s-sessjonijiet mal-*Caritas* u jattendi l-appuntamenti kollha li jkollu. Iżid li d-dar qiegħed ikun ta' eżempju ukoll.

**Ikkunsidrat:-**

**L-ewwel (1) imputazzjoni**

Illi permezz tal-ewwel (1) imputazzjoni, l-imputat qiegħed jiġi akkużat talli bejn l-ewwel (1) ta' Marzu u s-sbatax (17) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), huwa naqas milli jħares xi waħda jew iktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqu b'Digriet mogħti minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo, nhar l-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023).

Illi in sostenn ta' din l-imputazzjoni, il-prosekuzzjoni ressqet bħala xhud lill-Assistent Reġistratur Marika Mifsud[18] li eżebiet kopja awtentikata tal-imsemmi Digriet u li ddikjarat li dawk il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest għadhom *in vigore*. Il-prosekuzzjoni ressqet ukoll bħala xhud lill-Ispettur Colin Sheldon[19] li jispjega li huwa kien ressaq il-Qorti fuq każ ieħor, lil Oliver Bonello, li huwa għaraf bħala l-imputat fl-awla. Igħid li fl-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u

[17] A fol. 247 tal-atti proċesswali
[18] A fol. 156 tal-atti proċesswali
[19] A fol. 59 tal-atti proċesswali

tlieta u għoxrin (2023) huwa kien ingħata l-ħelsien mill-arrest f'dak il-każ b'diversi kundizzjonijiet fosthom illi jiffirma tliet darbiet fil-ġimgħa, kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u s-Sibt. Huwa spjega li bejn l-erbatax (14) ta' Frar u s-sbatax (17) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), l-imputat kien iffirma tliet darbiet biss. L-Ispettur Sheldon prezenta ukoll vera kopja tal-istess Digriet[20] u spejga li dik il-kawża għada qegħda tinstema' minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Nadine Lia.

Il-prosekuzzjoni ressqet ukoll bħala xhud lill-Ispettur James Mallia li preżenta l-*bail book*[21] tal-imputat. L-Ispettur xehed li mill-*bail book* tal-imputat kien rriżultalu li minn ħmistax-il darba li l-imputat kellu jiffirma, huwa ma kienx mar jiffirma tnax-il darba u ffirma darbtejn tard. Huwa spjega li l-Pulizija għandhom sistema li meta imputat ma jmurx jiffirma, kemm hu, kif ukoll f'dan il-każ l-Ispettur Colin Sheldon jiġu nfurmati permezz ta' messaġġ. Huwa eżebixxa l-*inspection reports* li juru li l-imputat ma kienx qiegħed jiffirma, kif ukoll il-messaġġi li juru li l-imputat ma kienx qiegħed jiffirma.

Il-Qorti tqis li fid-Digriet tal-Ħelsien mill-arrest eżebit quddiem din il-Qorti, hemm il-kundizzjoni numru ħamsa (5) fejn l-imputat ġie obbligat li jiffirma nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u s-Sibt fl-Għassa tal-Pulizija ta' Ħaż-Żebbuġ u dan bejn il-ħamsa ta' filgħodu (5 a.m.) u d-disgħa ta' filgħaxija (9 p.m.). Illi mill-istess digriet jirriżulta ukoll li skond il-kundizzjoni numru tmienja (8), l-imputat għamel tajjeb għal dan il-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest billi ddepożita fir-Reġistru tal-Qorti s-somma ta' elfejn ewro (€2000), oltre garanzija personali ta' tletin elf ewro (€30,000).

Il-Qorti tqis ukoll li l-*bail book* eżebit juri li l-imputat ma kienx qiegħed jiffirma l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħaż-Żebbuġ skond il-kundizzjonijiet li fuqhom ingħata l-ħelsien mill-arrest. Fil-fatt jirriżulta li nonostante l-fatt li l-imputat kien obbligat li jiffirma tlett darbiet fil-gimgħa, fil-perjodu ndikat kien iffirma biss nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju, nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju u nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023). Jirriżulta ukoll li f'tnejn minn dawn it-tliet dati, u cioe' fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju u fil-wieħed u tletin (31) ta' Mejju, l-imputat kien iffirma wara l-ħin stipulat fid-Digriet. Illi għaldaqstant din l-imputazzjoni ġiet sodisfaċentement ippruvata.

[20] A fol. 62 tal-atti proċesswali
[21] A fol. 85 tal-atti proċesswali

**<u>It-tieni (2) imputazzjoni</u>**

Illi permezz tat-tieni (2) imputazzjoni, l-imputat qiegħed jiġi mixli li inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PC 254 Mark Anthony Cutajar, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qiegħed jagħmel dan is-servizz jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi waqt l-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;

Permezz ta' din l-imputazzjoni, l-imputat jinsab akkużat li wettaq ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali li jgħid li:-

> *"95. Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000)."*

Illi referenza ssir għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sean Sinclair Pace** deċiża nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016), fejn ġie ribadit kif isegwi dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali:

> *"Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-inġurja, it-theddid jew l-offiża fil-konfront ta' l-uffiċjal pubbliku. Issa din l-inġurja, theddida jew offiża trid issir jew (1) filwaqt illi l-uffiċjal pubbliku ikun qed jagħmel servizz pubbliku (2) jew inkella minħabba li ikun għamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-ħsieb li ibeżżgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.*
>
> *Illi l-awturi jagħmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-oltraġġ fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-liġi. Dana billi meta dan l-oltraġġ isir fil-mument illi l-uffiċjal pubbliku ikun qiegħed jagħti is-servizz ma huwiex neċessarju illi l-inġurja, it-theddida jew l-offiża tkun marbuta*

*mal-funzjoni illi huwa ikun qiegħed jeżercita.* L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tiegħu, igħidu:

*"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

*Kuntrarjament fiż-żewg istanzi l-oħra irid ikun jiġi ippruvat nexus bejn l-oltraġġ u il-qadi tal-funzjoni pubblika billi l-att materjali ma ikunx ġie kommess filwaqt tal-qadi tal-funzjoni pubblika."*

Illi l-element materjali ta' dan ir-reat huwa l-inġurja jew it-theddid u dawn jistgħu jieħdu kemm il-forma verbali kif ukoll dik miktuba u jistgħu jsiru wkoll permezz ta' ġesti jew tpinġija li jkunu ġew magħmula bl-iskop li jnaqqsu l-ġieħ u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti. Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Andy Calleja** deċiża fit-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), ingħad illi:-

> *"42. Issa, għal dak li jirrigwarda l-element materjali tar-reat fejn dan si tratta ta'* ***<u>'inġurja'</u>***, *skont il-ġurisprudenza Maltija, dik ipotizzata fl-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali hija tip ta' inġurja speċjali ossia distinta mill-inġurja komuni ta' natura kontravenzjonali. Fl-appell kriminali fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs. Eugenio Hili*** *deċiż nhar is-26 ta' April 2018 intqal:*
>
> > *Kif ritenut mill-Qrati taghna fuq medda ta' snin, dan ir-reat huwa wiehed ta' oltragg jew ingurja specjali jew ingurja delitt li huwa differenti mill-hekk imsejha ingurja komuni jew ingurja kontravvenzjonali u dan kif traccjat fis-sentenzi Il-Pulizija vs Emmanuele Cassar App Krim 12/12/1936; Il-Pulizija vs Frank Attard App Krim 29/12/1958; Il-Pulizija vs Emanuel Pace App Krim 30/4/1993; Il-Pulizija vs Mario Cuschieri App Krim 17/10/1997; Il-Pulizija vs Carmel Farrugia App Krim 16/2/1998; Il-Pulizija vs Joseph Fenech*

*App Krim 25/2/1999; Il-Pulizija vs Joseph Zahra App Krim 9/9/2002; Il-Pulizija vs Josianne Bonello App Krim 16/1/2003; Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech App Krim 10/9/2007 u Il-Pulizija vs Silvio Buttigieg App Krim 16/7/2010. Minn ezami ta' dawn is-sentenzi jokkorri l-konkorrenza ta' hames elementi. L-allegat kliem jehtieg li jkun sar: a) lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficcjal pubbliku; b) officio durante vel contemplatione officii; c) de visu; d) li jkun filfatt ingurjuz; u e) animo iniuriandi.*

*43. Illi in kwantu* ***għat-theddid*** *imbagħad, il-Liġi ma tagħtix definizzjoni ta' dak li jkun jikkwalifika bħala tali u jkun għalhekk diskrezzjonali fuq il-ġudikant li jwieżen jekk id-diskors li jkun intqal fiċ-ċirkostanzi tal-każ jammontax għal theddid fuq l-esperjenza tal-ħajja komuni, il-bwon sens u l-eżami tal-fattispeċje tal-każ inkluż ir-retroxxena li tkun wasslet għat-tlissin ta' dak id-diskors. Fi kliem il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża* ***Hili*** *imsemmija iżjed il-fuq:*

*Pero' l-ligi titkellem dwar "theddid" u thalliha ghall-gudizzju tal-gudikant biex jikkalibra kemm diskors jew azzjoni tista' jew le titqies bhala theddida, dejjem skond il-fatti speci ta' kull kaz."*

Illi l-inġurja jew it-theddid trid tkun neċessarjament indirizzata lejn uffiċjal pubbliku jew persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku. In oltre, huwa neċessarju li jiġi ppruvat li s-suġġett attiv tar-reat kien konsapevoli mill-fatt li huwa kien qiegħed jinġurja jew jhedded persuna inkarigata mill-Liġi minn servizz pubbliku u dan anki jekk l-uffiċjal pubbliku ma jkunx liebes l-unformi fil-waqt tal-eżekuzzjoni tal-funzjoni pubblika. Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Jerken Decelis** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) ingħad illi:-

*38. In oltre, huwa neċessarju li jiġi ppruvat li s-suġġett attiv tar-reat kien konsapevoli mill-fatt li huwa kien qiegħed jinġurja u/jew jhedded persuna inkarigata mil-Liġi minn servizz pubbliku u dan anki jekk l-uffiċjal pubbliku ma jkunx liebes l-unformi fil-waqt tal-eżekuzzjoni tal-funzjoni pubblika. F'dan ir-rigward, il-Professur Mamo jgħid hekk :-*

*This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person.*

*39. L-istess ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża* **Il-Pulizija vs. Giuseppe Borg** *deċiża nhar it-2 ta' Novembru 1917:*

*Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza può sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacché il reato può avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."*

Din il-Qorti tqis li mill-filmati prodotti, jirriżulta li dakinhar tas-sbatax (17) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), PC 254 Mark Anthony Cutajar kien liebes l-uniformi u kien qiegħed jaqdi s-servizz pubbliku devolut lilu, ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħaż-Żebbuġ. Ma hemmx dubju għalhekk li l-imputat kien ben edott mill-fatt li l-persuna in kwistjoni kienet Uffiċjal tal-Pulizija.

Din il-Qorti għalhekk trid tistħarreġ jekk il-kliem mistqarr mill-imputat fil-konfront ta' PC 254 Mark Anthony Cutajar huwiex ta' natura inġurjuża jew minaċċjuża. Din il-Qorti għandha quddiemha l-verżjoni ta' PC 254 Mark Anthony Cutajar, kif ukoll tal-Ispettur James Mallia. Da parti tiegħu, l-imputat għażel, kif għandu kull dritt li jagħmel, li ma jixhidx f'dawn il-proċeduri. Madanakollu referenza ser issir għal dak dikjarat minnu fl-istarrija tiegħu rilaxxata lill-Pulizija dakinhar stess tal-akkadut u dan wara li ngħata d-drittijiet kollha skond il-liġi viġenti u għażel li jikkonsulta ma' avukat tal-għażla tiegħu qabel l-istqarrija, iżda rrinunzja għad-dritt li l-avukat ikun preżenti waqt l-istess stqarrija. Din il-Qorti analizzat ukoll il-filmati tal-*bodycams* eżebiti mill-prosekuzzjoni.

Illi fl-istqarrija tiegħu[22], l-imputat jirrispondi kif ġej meta ġie mistoqsi fir-rigward tal-aġir tiegħu fil-konfront ta' PC 254 Mark Anthony Cutajar:-

> *"M. Rigward meta għidtilna li kellek il-mobile bla charge u inżilt sal-karozza ma' PC 254, biex iġġib ic-charger, int pprovajt tgħid lil pulizija biex jersaq min nofs, x'kienet ir-raġuni?*
>
> *T. Aħna u niżlin il-Pulizija qalli li hu dejjem ġabli rispett, dejjem, u dawn l-affarijiet, għidtlu ħallini u tkellimnix, joqgħod miegħi biss, u daqshekk.*
>
> *M. Għalfejn lil Kuntistabbli staqsejtu għal kunjomu u jekk kunjomu huwiex Vella?*
>
> *T. Għaliex kien il-mużew miegħi.*
>
> *M. Ħa nsaqsik l-aħħar mistoqsija, inti b'xi mod qiegħed tipprova thedded, jew tbeżża lil Kuntistabbli 254 billi issemmi fejn joqgħodu ommu fost allegazzjonijiet oħra li nġibdu fuq il-bodycam.*
>
> *T: Oliver baqa' sieket.*
>
> *M: Tixtieq iżżid xi ħaġa li jien ma staqsejtekx dwarha?*
>
> *T: Li l-pulizija hawn Malta jimxu mar-raġuni u mhux mal-liġi."*

Fid-dawl ta' dak li jirriżulta mill-provi, il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li x-xhieda ta' PC 254 Mark Anthony Cutajar għandha mis-sewwa. Illi madanakollu l-Qorti tqis li d-diskors li intqal mill-imputat lill-Kuntistabbli ma jammontax għal theddid. Jingħad ukoll li l-alleggazjoni li saret fil-konfront ta' PC 254 li huwa kien imur id-dar jorqod waqt il-ħin tax-xogħol hija allegazzjoni serja fil-konfront ta' PC 254, li ma jirriżultax li hija waħda veritjiera. Illi madanakollu, fid-dawl tal-insenjament tal-Qrati nostrana dwar l-elementi li jsawwru r-reat kkontemplat fl-Artikolu 95, il-Qorti hija tal-fehma li dan il-kliem ma jammontax għall-inġurja. Nonostante dan, il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni xorta tirriżulta pruvata in kwantu mill-provi prodotti jirriżulta li filwaqt li PC 254 kien qiegħed jagħmel xogħolu, l-imputat kien beda igħidlu: *"Lilek min daħlek fil-Pulizija ?"* u dan f'kuntest fejn l-atteġġjament tal-imputat fil-konfront ta' PC 254 kien wieħed ferm ostili u fejn PC 254 igħid li l-imputat kien qiegħed ikellmu ħażin. Il-Qorti tqis li

[22] A fol. 52 tal-atti proċesswali

dan il-kliem mistqarr mill-imputat jammonta għar-reat kontemplat fl-Artikolu 95(1) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu kien inġurjuż fil-konfront tal-uffiċjal tal-Pulizija li kien qiegħed jagħmel xogħolu skont il-Liġi. Tqis ukoll li din id-dispożizzjoni ġiet introdotta fil-liġi sabiex tipproteġi lill-Uffiċjali Pubbliċi minn kull xorta ta' attakki li jsiru fil-konfront tagħhom sabiex inaqsulhom l-ġieħ u d-dinjita' li tali rwol jimmerita. Mix-xiehda tal-Pulizija hawn fuq imsemmija il-Qorti hija konvinta li kien hemm l-estremi tal-*animus injuriandi* fil-kliem mistqarr mill-imputat kif hawn fuq riportati. Illi għaldaqstant din l-imputazzjoni ġiet sodisfaċentement ippruvata.

**<u>It-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni</u>**

Illi permezz tat-tielet (3) imputazzjoni, l-imputat qiegħed jiġi mixli li għamel lil Nicholas Farrugia inġurji jew theddid u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali. Permezz tar-raba' (4) imputazzjoni huwa qiegħed jiġi mixli ukoll li wettaq fil-konfront tal-istess Nicholas Farrugia r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 49(a)(b)(ċ) tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

Illi d-difiża tissottometti li l-azzjoni kriminali mhux prosegwibbli fir-rigward tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat u dan għaliex Nicholas Farrugia stqarr li kien qiegħed jaħfer lill-imputat. Illi l-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni mressqa mid-difiża. Illi fl-ewwel lok, ir-reat ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta huwa prosegwibbli *ex officio* u ma jeħtieġx il-kwerela tal-parti leża. Għalhekk għalkemm il-parti leża jista' jirrinunzja għall-proċeduri jew jirtira l-kwerela li jkun għamel, il-proċediment kontra l-imputat dwar ir-raba' (4) imputazzjoni xorta waħda ma jintemmux minħabba rinunzja. Illi fit-tieni lok, għalkemm l-azzjoni penali fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni titmexxa ad istanza tal-privata privata, il-Qorti tqis li għalkemm Nicholas Farrugia igħid li huwa qiegħed jaħfer lill-imputat, huwa fl-ebda ħin ma igħid li qiegħed jirrinunzja ukoll għall-azzjoni kriminali fil-konfront tiegħu, u meta ġie mistoqsi dwar dan huwa l-ewwel igħid li m'għandu l-ebda interess li jipproċedi, iżda sussegwentement igħid li ma jafx[23]. Meta huwa reġa' xehed in kontro-eżami, stqarr biss li huwa qiegħed jaħfer lill-imputat[24]. Għalhekk fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni espressa mill-parti leża, il-Qorti ma tistax tqis li kien hemm ir-reċess tal-kwerela.

---

[23] A fol. 90 tal-atti proċesswali

[24] A fol. 237 tal-atti proċesswali

Il-Qorti tqis li t-tielet (3) imputazzjoni tirrigwarda l-kontravenzjoni elenkata fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, li jiddisponi li hija kontravenzjoni kontra l-persuna, li persuna tagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija fis-sebgħa (7) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995), fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Joseph Frendo**, spjegat hekk dwar l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

> *"Fil-kuntest ta' l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, theddida tfisser li l-agent jipprospetta lil persuna ohra hsara ingusta fil-futur (hsara li pero' ma tkunx tammonta ghal reat iehor ikkontemplat band' ohra fil-Kodici, e.z. l-artikolu 249) liema hsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta' ta' l-istess agent."*

Dwar ir-raba' (4) imputazzjoni, il-Qorti taghmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn ingħad illi:-

> *9. L-għemil kkontemplat fil-paragrafi (a) u (b) jikkonsisti fl-użu minn xi persuna ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika sabiex jikkomunika lil ħaddieħor theddida ta' għemil għall-għanijiet previsti f'dawk il-paragrafi. In vista ta' l-għanijiet hemm previsti ma hemmx dubbju li l-liġi fl-istess paragrafi qed tikkontempla għemil li bl-użu ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika huwa mmirat sabiex jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor. Meta fil-paragrafu (ċ) jingħad li "jagħmel użu <u>ieħo</u>r mhux xieraq" (sottolinear tal-qorti) isegwi li dik id-dispożizzjoni titratta minn għemil li ma jikkonsistix neċessarjament f'theddid iżda li, bl-applikazzjoni tar-regola eiusdem generis, huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messaġġ li jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant ma hux għemil xieraq. Anki jekk, għalhekk, il-messaġġi in kwistjoni ma jitqiesux theddid iżda jitqiesu bħala messaġġi vulgari dan hu biżżejjed sabiex jinkwadraw f'dak projbit bil-paragrafu (ċ) msemmi in kwantu huma messaġġi li tal-anqas idejjqu, jivvessaw jew joffendu lil min*

*jirċevihom u effettivament dejjqu, ivvessaw u offendew lil min irċevihom. Din hi l-konsegwenza tal-applikazzjoni korretta tar-regola eiusdem generis għall-interpretazzjoni tal-portata tal-paragrafu (ċ) msemmi."*

Il-Qorti qieset il-kontenut tal-*posts* li l-*parte civile* igħid li saru mill-imputat u li kopja tagħhom ġiet preżentata mill-istess *parte civile* u mmarkata bħala Dok NF 1 sa NF 5.[25] Qieset ukoll id-dikjarazzjoni li saret mid-difiża nhar is-sebgħa (7) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) fejn iddikjarat illi mhux qiegħed jiġi kontestat illi tali *posts* saru mill-imputat odjern u għaldaqstant eżentat lill-prosekuzzjoni milli tressaq din il-prova.

Illi l-Qorti tqis li meta fl-istqarrija rilaxxata lill-Pulizija, l-imputat ġie mistoqsi dwar dawn il-*posts,* huwa għażel li jibqa' sieket kif kellu kull dritt li jagħmel. Illi l-Qorti tqis ukoll id-depozizzjoni ta' Nicholas Farrugia li xehed li huwa kien ikkonferma li l-imputat kien qiegħed jirreferi għalih fil-*posts* li kiteb fuq facebook meta l-imputat kiteb *"is-Sus lilek qed ngħid Nicholas Ganaja ta."* Ix-xhud igħid li meta ra dawn il-*posts,* huwa ħassu sorpriż għax għalih l-imputat kien ħabib tiegħu. Tqis ukoll li in kontro-eżami, Nicholas Farrugia igħid li huwa b'dawn il-*posts* bl-ebda mod ma ħassu mhedded. Imbagħad iżid igħid illi li kieku l-imputat jasal biex jagħmel ċertu affarijiet jaħseb li jkun mhedded. Huwa jgħid li l-unika ħaġa li jixtieq huwa li jerġa' jara lill-imputat bħal ma kien għoxrin sena ilu.

Il-Qorti wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ, b'mod partikolari l-kliem li kiteb l-imputat fil-*posts* li huwa għamel fuq *facebook,* kif ukoll id-depozizzjoni tal-parti leża f'dan ir-rigward, wasslet sabiex tikkonkludi li l-estremi meħtieġa sabiex jiġu integrati ż-żewġ reati li jinsab akkużat bihom l-imputat fit-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni ma ġewx pruvati sal-grad rikjest mill-Liġi. Għaldaqstant il-Qorti tqis li t-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni ma ġewx sodisfaċentament ippruvati.

**<u>Il-ħames (5) imputazzjoni</u>**

L-imputat ġie akkużat ukoll illi kkommetta dawn ir-reati waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża, mogħija minn din il-Qorti, preseduta mill-Maġistrat Dr. Gabriella Vella nhar it-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022). F'dan ir-rigward, il-Prosekuzzjoni eżebiet kopja awtentikata tas-sentenza datata tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022),

[25] A fol. 93 *et seq.*

fl-ismijiet 'Il-Pulizija -vs- Oliver Bonello[26], minn liema sentenza jirriżulta li n-numru tal-karta tal-identita' tal-imputat f'dik is-sentenza huwa identiku għal dak tal-imputat odjern. Illi għalhekk din il-Qorti hija sodisfatta li din is-sentenza ngħatat fil-konfront tal-imputat odjern. Illi jirriżulta ukoll li permezz tal-imsemmija sentenza, l-imputat ġie kkundannat għal piena ta' sentejn (2) priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, ġew sospiżi għal perjodu ta' erba' (4) snin.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet bħala xhud lill-Assistent Reġistratur Marika Mifsud[27] li kkonfermat li ma kienx hemm appell minn din is-sentenza. Dan ifisser illi r-reati li tagħhom l-imputat qiegħed jinstab ħati fil-proċeduri odjerni, ġew kommessi mill-imputat proprju fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża.

**Is-sitt (6) imputazzjoni**

Finalment, permezz tas-sitt (6) imputazzjoni, l-imputat ġie akkużat ukoll bir-reċediva. Fir-rigward, il-Prosekuzzjoni eżebiet sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tas-sittax (16) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Alfredo Mangion) -vs- Oliver Bonello, li permezz tagħha l-imputat odjern (in-numru tal-karta tal-identita' tal-imputat f'dak il-każ huwa identiku għal karta tal-imputat fil-każ odjern) ġie mpoġġi taħt Ordni ta' Probation u Ordni ta' Trattament, kif ukoll ġie kkundannat għal multa ta' elf ewro (€1000). L-Assistent Reġistratur Marika Mifsud[28] kkonfermat li ma kienx hemm appell mis-sentenza li ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sittax (16) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020) fil-konfront tal-imputat. Hija preżentat ukoll dokument li juri li l-multa ta' elf ewro (€1000) li kienet ġiet imposta permezz tal-istess sentenza tħallset fl-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elfejn u għoxrin (2020).

Illi fir-rigward ta' din is-sentenza jingħad illi Ordni ta' Probation ma tistax titqies bħala dikjarazzjoni ta' ħtija għall-fini ta' reċediva. Illi f'dan ir-rigward referenza ssir għall-Artikolu 25(1) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi li:-

> *25.(1) Bla ħsara għal dak hawn iktar 'il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta' ħtija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taħt dan l-*

[26] A fol. 148 tal-atti proċesswali
[27] A fol. 156 tal-atti proċesswali
[28] A fol. 156 tal-atti proċesswali

*Att li bih il-ħati jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-ħati għal kollox jew kondizzjonalment għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija għal ebda fini li jkun, minbarra –*

*(a) il-finijiet tal-proċeduri li fihom issir l-ordni u ta' kull proċedura sussegwenti li tista' tittieħed kontra l-ħati taħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att, u*

*(b) fil-każ ta' uffiċjal pubbliku, il-finijiet jew kull proċedura dixxiplinari li tista' tittieħed kontra, jew kull punizzjoni dixxiplinari li tista' tiġi imposta fuq dak l-uffiċjal pubbliku b'konsegwenza ta' xi wieħed mill-fatti li jikkostitwixxu r-reat:"*

Illi madanakollu permezz tal-istess sentenza l-imputat ġie ukoll kkundannat iħallas piena pekunjarja, liema multa tħallset fl-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elfejn u għoxrin (2020). Għaldaqstant, stante l-impożizzjoni tal-multa l-Qorti qegħda tqis lill-imputat bħala reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar piena</u>**

Għal fini ta' piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat, kif ukoll iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Tqis kemm in-natura serja tal-imputazzjonijiet li dwarhom l-imputat qiegħed jinstab ħati, kif ukoll tqis il-progress notevoli li għamel l-imputat. Il-Qorti qegħda tieħu in konsiderazzjoni ukoll illi fit-trattazzjoni tagħha, il-Prosekuzzjoni ma nsistitx illi l-piena ta' priġunerija sospiża mertu tas-sentenza fuq indikata għandha tinġieb fis-seħħ, kif ukoll ddikjarat illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, piena karċerarja ma tkunx idoneja.

Il-Qorti tqis ukoll li l-kondizzjonijiet imposti fuq l-imputat meta huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest iridu jiġu osservati skruplożament u li l-ksur ta' dawn il-kondizzjonijiet mill-imputat ma kienx wieħed li jista' jiġi trattat bħala nuqqas leġġer. Tqis ukoll li fil-każ in eżami, l-imputat qiegħed jiġi akkużat u jinstab ħati ukoll tar-reat kontemplat fl-Artikolu 95, kif ukoll li huwa reċediv.

Illi fir-rigward tal-konfiska tal-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest, li hija konsegwenzjali għas-sejbien ta' ħtija għall-ewwel imputazzjoni, il-Qorti tqis li l-Artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li:-

> *"2) Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta'erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-Qorti għandha tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat."*

Illi ai termini ta' din id-disposizjoni tal-Liġi, jirriżulta ċar illi oltre l-piena ta' multa jew ta' priġunerija, il-konfiska tal-ammont stabbilit fid-digriet għall-ħelsien mill-arrest taħt garanzija hija tassativa. Madanakollu huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tiddeċiedi jekk dan l-ammont għandux jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu. Illi tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti tqis li għandha tordna l-konfiska biss ta' parti mill-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, u għalhekk qegħda tordna l-konfiska tas-somma ta' erbat elef ewro (€ 4000) rappreżentanti d-depożitu u parti mill-garanzija personali mposti fid-digriet mogħti minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo nhar l-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023).

Illi fir-rigward tal-ħames (5) imputazzjoni, u cioe` li l-imputat ikkommetta reati waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, il-Qorti tqis li skond l-Artikolu 28B(2)(b), il-Qorti tista' fiċ-ċirkostanzi hemmhekk spjegati, tibdel l-ordni oriġinali magħmul bis-saħħa tal-Artikolu 28A(1) billi minflok il-perijodu operattiv hemm speċifikat tagħmel perijodu li jkun jiskadi mhux iktar tard minn erba' snin mid-data tal-bdil, apparti li tista' tastjeni milli tagħmel ordni bis-saħħa tas-sub-artikolu (1), skond l-Artikolu 28B(2)(a). Dan ifisser illi l-Qorti tista' sabiex titratta mal-ħati dwar sentenza sospiza, jew iddaħħal fis-seħħ dik is-sentenza, jew testendi l-perjodu operattiv tal-istess sentenza, jew inkella tastjeni milli tagħmel ordni. Illi fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ il-Qorti jidrilha li għandha tastjeni milli tagħmel ordni taħt l-Artikolu 28B(1) u dan sabiex l-imputat jingħata kull opportunita` sabiex jirriabilita ruħu hekk kif suġġerit mill-Uffiċjal tal-Probation Gordon Grech.

In oltre sabiex jiġi assikurat illi l-imputat ikompli fit-triq li qabad, tqis ukoll illi jkun xieraq illi l-imputat jitqiegħed taħt Ordni ta' Superviżjoni sabiex b'hekk ikompli jiġi megħjun fil-ġlieda tiegħu kontra d-droga.

Il-Qorti tqis ukoll li ai termini tal-Artikolu 28A(7)(b), hija prekluża milli tagħti sentenza ta' priġunerija sospiża għar-reati mertu tal-każ odjern.

**Decide**

Għaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 28B, 95, 339(1)(e), 579 kif ukoll l-Artikoli 11, 17, 31, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 49(a)(b)(ċ) tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda ssib lill-imputat mhux ħati tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u qegħda tilliberah minnhom, iżda qegħda ssib lill-imputat ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tal-ħames (5) u tas-sitt (6) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu. Fir-rigward tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tas-sitt (6) imputazzjoni qegħda tikkundanna lill-imputat għall-piena ta' **xahrejn priġunerija effettiva** li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa nżamm taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ u **multa ta' elfejn ewro (€2000).**

Illi fir-rigward tal-ħames (5) imputazzjoni, u cioe` li l-imputat ikkommetta reati waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 28B (2)(a) qegħda tastjeni milli tagħmel ordni taħt l-Artikolu 28B(1) u tordna li s-sentenza sospiża eżistenti mogħtija minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. Gabriella Vella nhar it-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) tibqa' *in vigore*, u dan sabiex l-imputat jingħata kull opportunita` sabiex jirriabilita ruhu hekk kif suġġerit mill-Uffiċjal tal-Probation.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tordna l-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta biss ta' parti tal-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, u għalhekk qegħda tordna l-konfiska tas-somma ta' erbat elef ewro (€4000) rappreżentanti d-depożitu u parti mill-garanzija personali mposti fid-digriet mogħti minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo nhar l-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023).

Peress illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-imputat għandu problema akuta ta' abbuż ta' droga, ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tqiegħed lill-istess imputat taħt Ordni ta'

Trattament għall-perijodu ta' erba' (4) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza, taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti llum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza. Dan l-Ordni ta' Trattament qiegħed jiġi magħmul għall-fini li l-imputat jingħata it-trattament u l-kura kollha meħtieġa, sabiex jirriabilita ruħu mill-vizzju ta' l-abbuż ta' droga, kif ukoll li jiġi segwit minn Psikjatri u Psikologi.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwiżit jew xi kondizzjoni tal-istess Ordni ta' Trattament, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69). Tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation, kif ukoll lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

Il-Qorti qegħda tordna ukoll komunika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali bil-għan li kopja tagħha tiġi nserita fil-proċeduri ndikati fl-ewwel (1) imputazzjoni.

Giannella Camilleri Busuttil

Maġistrat

Michela Deguara

Deputat Reġistratur